20 ta' April, 1945.

Imhallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

**Emmanuele Paris et. *versus* Lorenzo Grech pr. et ne.**

**Azzjoni Surrogatorja — Htieġa li jiġi mharrek ukoll id-Debitur — Art. 849 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*Biex l-azzjoni surrogatorja tiġi eżerċitata tajjeb huwa indispensabili li fil-ġudizzju jiġi ukoll ċitat id-debitur; diversament il-ġudizzju ma jkunx integru, u jkun hemm lok għall-liberazzjoni tal-konvenut mill-osservanza tal-kawża.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, li biha l-atturi, wara li qalu li l-imsemmija Carmela Grech, Giuseppe Grech u Lorenzo Grech irċevew u nkassaw indebitamnt is-subċens annwali ta' £1 impost fuq il-fond urban Każal Pawla, Strada Dietro Santa Ubaldesca, nru. 21, qabel kien numru 9A., mill-1916 sa l-aħħar skadenza li kienet fit-30 ta' Awissu 1943; u li s-subdirettarji ta' l-imsemmi fond huma effettivament l-atturi, u għalhekk il-ħlas ta' dak is-subċens kellu jiġi magħmul lilhom (dok. A, u B); talbu li, wara li jingħataw il-provvedimenti opportuni u jsiru d-dikjarazzjoniiet meħtieġa, il-konvenuti fil-premessa kwalità jiġu kundannati li jħallsuhom is-somma kompressiva ta' £28, ammont indebitament inkassat mill-konvenuti fil-premessa kwalità kif intqal fuq; bill-lukri legali, u blispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-16 ta' Marzu 1944, salvi drittijiet oħra ta' l-atturi għall-lawdemju;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re, li biha, wara li astenit ruħha milli tieħu

konjizzjoni tat-talba ta' l-atturi Pullicino, laqgħet it-talba ta' ta' Emmanuele Paris kif ġiet imnaqqsa, bl-ispejjeż; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Li mid-dokumenti jirriżulta li l-attur Paris kien akkwista s-subkanone tal-fond dari numru 9A. ta' Strada Dietro Santa Ubaldesca minn għand Francesco Pullicino b'att tas-26 ta' Novembru 1916 għand in-Nutar Saydon. B'att ieħor tal-5 ta' *Novembru 1916 għand in-Nutar Saydon l-istess Francesco* Pullicino biegħ is-subdirett dominju u subċens tal-fond nru. 9 lil Carmela u Giuseppe aħwa Grech. Evidentement ġara ekiwvoku fuq il-fondi 9 u 9A., u l-attur Paris qatt ma rċieva ċens tal-fond 9A., u ċ-ċens kien qiegħed jitħallas lill-konvenuti;

U tabilħaqq Francesco Falzon mis-sena 1935 ħallas dejjem lill-konvenuti, u qablu Carmelo Tabone kien iħallas lil Giuseppe Grech, kif jidher mir-riċevuti u kif xehdu l-konvenuti. Għaldaqstant il-konvenuti rċevew *ċens li kien imiss lill-*attur Paris, u għandhom irodduh;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti, u rat il-petizzjoni tagħhom fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi tiġi respinta d-domanda ta' l-attur bl-ispejjeż tażżewġ istanzi kontra tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bl-att taċ-ċitazzjoni qiegħda tiġi reklamata somma ta' flus li l-appellanti rċevew mhux minn għand l-appellat, iżda minn għand persuni oħra, u li l-istess appellat jippretendi li kellha tkun imħallsa lilu bħala subdirettarju tal-fond fl-istess ċitazzjoni msemmi. L-azzjoni proposta, kif espressament dikjarat mid-*difensur ta' l-appellat fit-trattazzjoni* orali quddiem din il-Qorti, mhix dik ta' ripetizzjoni ta' indebitu, billi din l-azzjoni, kif jidher evidenti mill-art. 728 u segwenti ta' l-Ord. VII ta' l-1868, tikkompeti lill-persuna li tkun ħallset indebitament. F'dan il-każ l-appellat ma għamel ebda ħlas, u għalhekk l-azzjoni fuq imsemmija ma tista' qatt tikkompeti lilu b'mod dirett kif inhi magħmula, iżda biss bis-saħħa ta' l-azzjoni surrogatorja in bażi għad-dispożizzjoni ta' l-art. 849

ta' l-Ordinanza ċitata;

Ikkunsidrat;

Illi, kif ġie deċiż minn din il-Qorti fit-8 ta' Jannar 1901 in re "Magri vs. Azzopardi" (Kollez. Vol. XIX, Parte I, paġ. 3) u fl-20 ta' Ottubru 1911 in re "Farrugia vs. Massa" (Kollez. Vol. XXI-I-340), biex l-azzjoni surrogatorja prevista mill-imsemmi art. 849 tiġi eżerċitata tajjeb, huwa indispensabili li fil-ġudizzju jkun ukoll ċitat id-debitur. U f'dan il-każ id-debitur, jiġifieri dik il-persuna li kellha tħallas iċ-ċens lill-appellat, u minflok ħallset lill-appellanti, ma ġietx ċitata. Il-Borsari (Commentario del Codice Civile Italiano, Volume Terzo, Parte Seconda, paġ. 587), fil-komment tiegħu għall-art. 1234 tal-Kodiċi Taljan, sostanzjalment identiku għall-art. 849 tal-liġi tagħna, jgħid hekk:— "La presenza del debitore in questo giudizio è assolutamente indispensabile; egli deve essere citato insieme ai terzi contro i quali si dirige la sua medesima azione". Ta' l-istess opinjoni huwa l-Giorgi (Teoria delle Obbligazioni, Vol. II, paġ. 323, par. 240), u d-Demolombe ((II, 107 e seg.);

Ikkunsidrat;

Illi għar-raġunijiet fuq miġjuba, u in bażi għad-dottrina u ġurisprudenza fuq imsemmijin, il-ġudizzju mhux integru, u l-appellanti għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-ġudizzju; u għalhekk mhux il-każ li jiġi eżaminat jekk jikkonkorrux għall-eżerċizzju ta' l-azzjoni surrogatorja dawk l-elementi li din il-Qorti bis-sentenza tat-3 ta' Ġunju 1938 in re "Muscat vs. Attard" irriteniet li huma meħtieġa;

Għaldaqshekk;

Tilqa' l-appell tal-konvenuti, biss fis-sens li tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju; u tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi, imħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, ma jiġux taxxati bejn il-kontendenti, iżda d-dritt tar-reġistru jitħallas mill-attur Emmanuele Paris. U hekk tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà tar-Re fl-4 ta' Diċembru 1944.